MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 97/2009

**Karen Gafa (I.D. 61078M)**

**Vs**

**Darren Decelis (I.D. 56388M)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li:

1. Jigi ddikjarat li bejn Ottubru 2007 u Marzu 2008 il-konvenut flimkien mal-attrici Karen Gafa’ xtrat u akkwistat beni mobbli li gew u ghadhom utilizzati gewwa r-residenza Flamingo Court, Flat 8, Triq Zaren Dalli, B’ Bugia.
2. Ihallas lill-attrici is-sehem taghha tal-valur tal-immobbli liema sehem jammonta ghas-somma komplessiva ta’ ghaxart elef sitt mija u sitta u hamsin

(€10,656) (ekwivalenti ghal erbat elef tmin mija u sittin liri Maltin (Lm4,860);
3. Bl-ispejjez ta’ din l-istanza kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 29 ta’ Ottubru 2008.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 3 tal-istess atti) u li biha eccepixxa bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-mobbli kollha akkwistati gew akkwistati mill-konvenut li kif jista jigi ampjament ippruvat hallas personalment ghall-istess.
2. Illi t-tieni talba attrici hija vessatorja stante li l-attrici qatt ma kellha ebda sehem jew drittijiet fuq il-proprjeta akkwistata totalment mill-konvenut skond kif ikkonfermat ufficjalment mill-kuntratt tal-akkwist tal-immobbli skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja.
3. Illi l-konvenut m’ghandux jhallas ebda spejjes stante t-talbiet huma vessatorji u ghalhekk kull spejjes inkorsi inkluz l-ispejjes ghall-mandati kawtelatorji huma wkoll vessatorji u ghandhu jkun a karigu tal-attrici kif ukoll ghar-rikors sabiex jitnehha l-mandat ta’ sekwestru 843/09MM mahrug kontra l-ligi.

Illi r-relazzjoni ta’ gherusija u t-terminazzjoni tal-istess ma tista qatt tkun il-bazi ghad-drittijiet pretisi mill-attrici li qatt ma kkontribwit ghall-akkwisti tal-imsemmija mobbli u immobbli.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri waqt is-smiegh tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza b’mod specjali dak verbalizzat a fol 90 tal-atti, liema noti, sallum, pero qatt ma gew sottomessi.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici (fol 17 et seq ibid) bdiet billi tghid illi hi kellha relazzjoni mal-konvenut li bdiet f’Novembru 2004. F’Ottubru 2006 hi w il-konvenut iddecidew li jixtru post sabiex jikkoabitaw liema post inxtara u thallas mill-konvenut, permezz ta’ mutwu fuq ismu (ara fol 37 et seq

ibid). Pero gie deciz minnhom illi l-oggetti mobli li, kienu ser jintuzaw f'dan il-post f'Birzebbugia '... nixtruhom flimkien bejnietna'. Ghal dan il-ghan u bhala procedura, meta kien jinxtara dan it-tip ta' oggetti, il-hlas effettiv kien jsir mill-konvenut izda hi '… kont nghati dejjem in-nofs' lill-konvenut fil-prezenza ta' ommha u missierha. Bhala perjodu ta' zmien,dan kien gara bejn Jannar u Mejju 2007. F'Jannar tal-2008, meta l-post kien lest hi w il-konvenut kienu bdew jikkoabitaw fl-istess post izda, minhabba fi vjolenza fil-konfront taghha, kellha titlaq mill-istess post. Ghalhekk il-konvenut u missierha kienu ftehmu verbalment, illi hi kellha tiehu mill-istess post xi ghamara u affarijiet taghha mill-kcina, liema oggetti kienu taghha personalment, kif filfatt gara effettivament. Inoltre, hi kienet ghamlet lista ta' oggetti ''… li kienu thallsu bejnitna' u bhala sehemha mill-prezz kien jammonta ghal dak mitlub fl-avviz in esami. Dwar l-istess oggetti, hi kienet disposta li tithallas din is-somma u, fil-fatt, il-konvenut kien qabel ma din il-proposta. Izda l-konvenut, avolja hi kienet disposta li tithallas, ratealment, is-somma ta' €100 fix-xahar, qatt ma hallasha anzi sostna illi '… fil-flat kollu tieghu' ossija tal-konvenut.

A fol 19 u fol 20 ibid, hi esebiet zewg listi, fl-ewwel (1) wahda hemm elenkati oggetti personali taghha li pero ma kienux ittiehdu minnha waqt li fuq it-tieni (2) wahda hemm elenkati l-oggetti mobli, mhallsin mill-konvenut izda '… li xtrajna bejnietna', b'nofs il-prezz imhallas minnha lill-konvenut (ara ukoll ix-xhieda tal-genituri tal-attrici a fol 23 u fol 25 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut xehed, permezz ta' 'affidavit' a fol 31 u fol 32 ibid u hu stqarr illi fil-bidu tar-relazzjoni bejniethom, l-attrici kienet weldet tarbija minn terza persuna u hu kien jhallas ghall-bzonnijiet kollha tal-istess tarbija. Inoltre hu kien jhallas paga lilha bhallikieku kienu mizzewgin. Sussegwentement kien inxtara, minnu wahdu, il-post imsemmi u, in rigward l-arredament go fih, kien hallas kollox hu u meta kien lest kienu bdew jikkoabitaw flimkien izda jidher li din ir-relazzjoni spiccat minhabba l-agir tal-

attrici kif spjegat fl-istess xhieda. L-ghada li telqet kien gie ghandu missier l-attrici u dan '… biex jiehu l-hwejjeg ta' Karen u ta' (isem bintha) u qalli li Karen riedet xi ghamara u li kienet se thallasni taghhom u jien ghedtlu OK ghax ma ridtx aktar inkwiet'. Filfatt, mill-appartament kienu nqassmu u ttiehdu l-oggetti elenkati fl-istess xhieda b'valur ta' €3052.59. Hawnhekk skond il-konvenut , 'Meta ghabba kollox fit-'truck' jiena ghidtlu tista' thallasni issa. Hu qabad jidhak u telaq bl-affaijiet u ma tani xejn',

Dwar l-oggetti in esami, il-konvenut sabiex jipprova li kien hu li hallashom esebixxa diversi rcevuti u 'cheques' a fol 38 sa fol 83 ibid), Fl-ahhar nett, hu semma' zewg kawzi ohra, intavolati mill-attrici, li gew decizi kontra taghha izda hu qatt ma thallas l-ispejjes relattivi ghalihom (ara ukoll ix-xhieda tal-istess konenut moghtija 'viva voce' u li tinsab a fol 34 et seq ibid). In kontroesami (fol 86 u fol 87 ibid) il-konvenut, ix-xhud spjega li d-dokument esebit minnu u markat Dok DD6 (fol 67 ibid) kien gie esebit bi zball u ma kienx rilevanti ghal dan il-kaz. Hawnhekk hu kompla jsostni dak li kien di gja xehed fl-'affidavit' sottomess minnu.

Ikkunsidrat

Illi, kif di gja gie premess, il-partijiet ma sottomettew l-ebda nota ta' sottomissjonjiet kif obbligaw ruhhom li jaghmlu.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz hu wiehed li ma jinvolvix, fil-fehma tal-Qorti, xi punt jew punti legali izda hu wiehed li fih jrid isir apprezzament tal-provi prodotti u kif riassunti u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta. Dan jfisser li l-attrici kellha tipprova fuq bazi ta' probabilta (aktarx iva milli le) illi hi, filfatt, hallset nofs il-valur tal-oggetti mixtrija u mhallsa mill-konvenut. Pero dwar dan il-Qorti hi rinfaccjata b'zewg versjonijiet altament konfliggenti bejniethna minghajr xi prova esterna u indipendenti mill-partijiet involuti u ghalhekk ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li dak li xehdet l-attrici jirrispekkja

dak li verament gara' f'dan il-kaz. Minhabba dan, il-konkluzjoni ghandha tkun illi l-attrici ma pprovatx dak allegat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li in rigward l-ispejjes dawn, fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------